**Quddiem l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji**

**Każ ASF 018/2022**

**Geoffrey Aquilina**

**bin-Numru tal-Karta tal-Identità**

**455467M (l-ilmentatur)**

**vs**

**MAPFRE Middlesea plc (C 5553) u**

**Bonnici Insurance Agency Ltd (C 8614)**

**għal kull interess li jista' jkollha**

**Seduta tat-28 ta' Settembru 2022**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment**[1] fejn l-ilmentatur jgħid illi hu kien proprjetarju ta' vettura assikurata mas-soċjetà *Untours Insurance Agents Ltd* u wara li kienet saret pressjoni minn impjegati ta' *Bonnici Insurance Agency Ltd* (li kienu ħbieb tat-tifel tiegħu), kien aċċetta li jittrasferixxi l-*insurance* tiegħu mal-istess *Bonnici Insurance Agency Ltd*.

Jgħid li malli kien aċċetta, *Bonnici Insurance Agency Ltd* kienet immedjatament ħarġet polza ta' assikurazzjoni ġdida għalih. U, sussegwentement, xi sitt xhur wara, l-istess impjegati ta' *Bonnici Insurance Agency Ltd* kienu ħadu lill-ilmentatur *proposal form* mimlija u talbuh li jiffirma l-istess, kif għamel.

[1] P. 7 - 8

Jghid li ghalkemm hu biddel l-agent tal-*insurer* minn *Untours Insurance Agents Ltd* ghal *Bonnici Insurance Agency Ltd*, il-kumpanija assikuratrici baqghet dejjem l-istess u, cioè, *MAPFRE Middlesea plc, li* kellha l-informazzjoni kollha relevanti.

L-ilmentatur jghid li nhar is-7 t'Ottubru 2017, il-vettura tieghu, li kienet assikurata mas-socjetà konvenuta, insterqet minn terzi u dan kif jidher car mir-rapport tal-pulizija (anness u mmarkat bhala 'Dok. B').

Il-karozza in kwistjoni kienet tal-ghamla BMW 123D *Hatchback* bin-numru ta' registrazzjoni CBZ 847, kif jidher mil-*logbook* (anness u mmarkat bhala 'Dok. C'). Il-karozza kienet assikurata ghall-valur ta' €11,800.

L-ilmentatur jghid li avvicina lil *Bonnici Insurance Agency* sabiex jiftah *claim*, izda gie nfurmat mis-socjetà konvenuta *tramite Bonnici Insurance Agency* li s-serq tal-vettura tieghu ma kienx ser ikun kopert ghar-raguni li allegatament ghamel dikjarazzjoni falza fil-*proposal form* (dokument anness u mmarkat bhala 'Dok. D').

Jghid li din l-allegazzjoni *da parte* tas-socjetà konvenuta qieghda tigi michuda fl-intier taghha u dan ghar-ragunijiet segwenti:

a. Illi fl-ewwel lok, il-*proposal form* kienet mimlija minn impjegat ta' *Bonnici Insurance Agency* u, cioè, Zach Bowman, u l-istess qatt ma staqsa jekk kienx hemm xi *claims* precedenti.

b. Illi fit-tieni lok, u bla pregudizzju ghall-premess, il-*claims* precedenti li kellu l-ilmentatur kienu digà ben maghrufa mis-socjetà konvenuta, stante li s-socjetà assikuratrici li l-ilmentatur kellu qabel u, cioè, *Untours Insurance Agents Ltd,* hija wkoll agent ta' *MAPFRE Middlesea plc* u, ghalhekk, ghas-sahha tal-argument, kif is-socjetà konvenuta qieghda tallega li ma kinitx taf bil-*claims* precedenti jekk kienu miftuha maghha stess?

c. Illi fit-tielet lok, u bla pregudizzju ghas-suespost, il-*claims* li ghamlet referenza ghalihom is-socjetà konvenuta kienu fir-rigward ta' iben l-ilmentatur, Karl Aquilina, u mhux tal-ilmentatur innifsu.

d. Illi fir-raba' lok, u bla pregudizzju ghas-suespost, il-*claim* mertu tal-kaz odjern ma tirrelatax ma' traskuragni fis-sewqan imma ma' serq tal-vettura

li sar minghajr ebda tort *da parte* l-ilmentatur u, ghalhekk, il-*claims* precedenti tal-ilmentatur m'ghandhomx jittiehdu in konsiderazzjoni.

L-ilmentatur isostni li inoltre, u bla pregudizzju ghall-premess, ghandu jirrizulta li jekk saru xi zbalji fil-polza dawn saru mill-agenti tas-socjetà assikuratrici meta kien hemm informazzjoni disponibbli ghalihom u, ghalhekk, ma jistax ikun ta' hsara ghalih.

Minhabba zbalji fil-*proposal form,* l-ilmentatur jghid li sofra d-dannu meta l-formola mtliet hazin u dan l-izball sar mis-socjetà appellata li kienet inkarigata proprju sabiex tassisti lill-ilmentatur (konsumatur) jikseb l-ahjar polza ghall-iskopijiet tieghu. Ghalhekk kienet qieghda taghti servizz.

Ghaldaqstant, l-ilmentatur umilment jitlob lill-Arbitru sabiex jikkundanna lill-intimati, jew min minnhom, ihallsu lilu s-somma ta' €11,800 bl-imghaxijiet legali, u dawk l-ispejjez li jidhirlu xierqa rapprezentanti l-ammont li kienet assikurata l-vettura tieghu.

**Ra r-risposta[2] tal-provditur tas-servizz fejn issottometta illi**:

1. Fl-ewwel lok, l-ilmentatur qabel jiftah din il-kawza kellu jhallas l-ispejjez marbuta mal-appell fl-ismijiet *Geoffrey Aquilina vs Bonnici Insurance Agency Limited* deciza fit-23 t'April 2021 (Appell 65/2019LM), u dan *a tenur inter alia* tal-artikolu 907(2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Preliminarjament ukoll, l-ilment tal-ilmentatur in kwantu dirett lejn is-socjetà *Bonnici Insurance Agency Ltd* digà gie deciz mill-istess Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji fil-Kaz Nru. 117/018, decizjoni sussegwentement konfermata mill-Qorti tal-Appell fil-kawza bin-numru 65/2019LM u, ghalhekk, dan l-ilment in kwantu dirett lejn is-socjetà *Bonnici Insurance Agency Ltd* ma jistax jerga' jigi mistharreg u mismugh mill-gdid.

3. Preliminarjament ukoll, billi l-mertu ta' dan il-kaz digà gie ttrattat, l-atti tal-Kaz Nru. 117/2018 ghandhom jigu allegati mal-atti ta' dawn il-proceduri sabiex tigi evitata duplicità ta' provi.

[2] P. 30 - 32

4. Fil-mertu, it-talba tal-ilmentatur hija infondata fil-fatt u fid-dritt ghas-segwenti ragunijiet:

   a. Is-sezzjoni *General Conditions* tal-polza tal-assigurazzjoni tipprovdi espressament hekk:

      '*We will provide cover under the policy only if the information you give us when applying for insurance or when making a claim, either by speaking to us or in any document, is true as far as you know. You must ask all persons who are covered by this policy any relevant questions you need to obtain this information.'*

   b. Dan huwa l-ftehim kontrattwali accettat mill-ilmentatur *qua* assikurat meta huwa ikkonkluda l-polza in kwistjoni mal-esponenti u, ghalhekk, abbazi tal-principju *pacta sunt servanda*, l-ilmentatur ma jistax jilmenta minn xi forma ta' ingustizzja.

   c. L-ilmentatur kien naqas milli jinforma lill-*underwriter* tal-esponenti, jew jiddikjara fuq il-*proposal form*, illi bejn is-sena 2012 u s-sena 2017, l-ilmentatur u anke ibnu, Karl Aquilina, bhala *named driver*, kienu involuti f'ghaxar incidenti tat-traffiku fejn f'wiehed minnhom sahansitra utent kien safa midrub serjament, minkejja li dan kien obbligu taghhom *ai termini* tal-istess *proposal form* li digà giet esebita fl-atti tal-Kaz Nru. 117/2018 li saret gudikat permezz tal-appell numru 65/2019LM.

   d. Fil-fatt, ghall-mistoqsija 3C fit-tielet pagna tal-*proposal form,* li titlob specifikament illi l-assigurat prospettiv jiddikjara jekk hu jew ix-xufier awtorizzat qatt kienx gie involut f'incident, hu wiegeb li le. Dan b'*mala fede* assoluta u, ghalhekk, japplika anke l-principju bazilari ta' *fraus omnia corrumpit.*

   e. Din il-*proposal form* giet mghoddija ghall-firma tal-ilmentatur, illi gie mitlub jara d-dettalji taghha u jikkonfermahom, skont kif tindika kjarament Sezzjoni 8 tal-istess *proposal form*, jigifieri, li l-assikurat prospettiv m'ghandux jiffirma dan id-dokument sakemm ma jkunx qara u fehem id-dikjarazzjonijiet hemm kontenuti, inkluz jekk id-dettalji jkunu qeghdin jimtlew minn terza persuna.

f. Din l-istess *proposal form* tispjega illi ladarba l-assikurat prospettiv jiffirma dan id-dokument, hu jkun qieghed jikkonferma illi qara u fehem dak li hemm kontenut u jaqbel li dak kontenut huwa korrett, oltre illi jiddikjara illi zvela dak kollu necessarju u mitlub minnu billi dan jifforma l-bazi tal-kuntratt tal-assigurazzjoni.

g. L-informazzjoni dwar tal-anqas ghaxar kazijiet precedenti ghal dak mertu tal-proceduri odjerni kienet instabet biss mill-esponenti sussegwentement illi kienet giet intavolata l-*claim* relattiva.

h. L-informazzjoni kollha korretta hija essenzjali sabiex il-kuntratt ta' assikurazzjoni jigi konkluz b'mod gust, u dan ghaliex in-numru ta' kazijiet illi l-assikurat, jew xufier tieghu, jkunu involuti fihom qabel ma tigi konkluza l-polza tal-assikurazzjoni huwa ta' importanza primordjali u jimpingi fuq ir-riskju assunt mill-kumpanija ta' assikurazzjoni meta tikkonkludi l-polza. Il-habi ta' fatt materjali bhal dan (illi jimpingi mhux biss fuq il-*premium* imma wkoll fuq id-decizjoni tal-esponenti illi tassigura jew le), ma jistax hlief iwassal ghan-nullità assoluta tal-kuntratt d*e quo* billi jirrendi l-istess patt ibbazat fuq qerq assolut *da parte* ta' wiehed mill-kontraenti, f'dan il-kaz, l-ilmentatur.

i. L-ilmentatur ghalhekk kien agixxa *in mala fede* billi ma ddikjarax il-fatti materjali kollha necessarji sabiex tinhareg il-polza relattiva, u kien proprju minhabba din il-*mala fede* assoluta u l-ksur tal-principju ta' *uberrima fides* illi l-*claim* tal-ilmentatur giet rifjutata.

5. Ghal dawn ir-ragunijiet kollha, it-talba tal-ilmentatur hija ghal kollox infondata kemm fil-fatt u kif ukoll fil-ligi, u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

**Sema' lill-partijiet**

**Ra l-atti kollha tal-kaz inkluzi dawk tal process tal-Kaz Nru. 117/2018 li gie anness ma' dan il-kaz bi qbil bejn il-partijiet.**

**Jikkonsidra**

**Preliminari**

Qabel dan l-ilment, l-ilmentatur kienipprezenta kaz iehor limitatament kontra *Bonnici Insurance Agency Ltd* izda f'decizjoni li ta l-Arbitru[3] gie deciz li l-ilment ma kellux isir kontra *Bonnici Insurance Agency Ltd* izda kontra l-principal tieghu u, cioè, l-*underwriter*, jigifieri, *MAPFRE Middlesea plc* u, ghalhekk, cahad l-ilment. Din id-decizjoni tal-Arbitru giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)[4].

Fir-risposta taghhom, f'dan il-kaz, *Bonnici Insurance Agency Ltd* jaghmlu referenza ghal dawn id-decizjonijiet u jitolbu lill-Arbitru sabiex jilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju. Ghar-ragunijiet moghtija mill-Arbitru fid-decizjoni precedenti tieghu,[5] kif ukoll ghar-ragunijiet moghtija mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza digà ikkwotata, l-Arbitru qed jillibera lil *Bonnici Insurance Agency Ltd* mill-osservanza tal-gudizzju u ser jikkonsidra l-ilment fil-konfront ta' *MAPFRE Middlesea plc* biss.

**Eccezzjoni dwar hlas ta' drittijiet u spejjez**

Dwar din l-eccezzjoni, l-Arbitru ma jistax jaghti rimedju ghaliex ghal dik li hi procedura quddiemu, m'huwiex marbut bil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura, izda tapplika l-procedura regolata b'ligi specjali u, cioè, l-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'din il-ligi m'hemm imkien li ilment quddiem l-Arbitru jista' jitwaqqaf jekk il-konsumatur ma jhallasx id-drittijiet u l-ispejjez ta' proceduri ohra.

Il-provditur tas-servizz ghandu rimedji ohra sabiex jithallas dak li hu dovut lilu.

Ghalhekk din l-eccezzjoni qieghda tigi michuda.

---

[3] Kaz Nru. 117/2018, deciza fid-9 ta' Lulju 2019
[4] Deciza fit-23 t'April 2021
[5] Kaz Nru 117/2018, Deciz fid-9 ta' Lulju 2019

**Fil-Mertu**

**L-Arbitru jrid jiddeciedi l-ilment b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, huwa gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.[6]**

Il-kwistjoni ta' dan il-kaz hija dwar jekk l-imgieba tal-assikurazzjoni li tichad il-*claim* tal-ilmentatur hijiex wahda gusta, ekwa u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz. L-assikurazzjoni tghid li hija cahdet il-*claim* ghaliex fil-*proposal form* l-ilmentatur iddikjara li ma kellux *claims* ohra qabel meta, fil-fatt, kellu diversi *claims* precedenti.

Min-naha tieghu, l-ilmentatur jghid li l-*proposal form* imtliet minn rapprezentant ta' *Bonnici Insurance Agency Ltd* li kien qed jagixxi bhala agent tal-kumpanija assikuratrici; u l-istess agent talab lill-ilmentatur sabiex jiffirmahielu meta kien f'hanut tal-kafe il-Belt Valletta. Huwa qaghad fuq dak li ghamel l-agent tal-assikurazzjoni u ffirma l-*proposal form* kif l-agent qallu jaghmel minghajr ma qara l-kontenut tal-*proposal form*. L-agent ma qralux l-istess *proposal form* jew staqsih il-mistoqsijiet li suppost kellu jwiegeb. Barra minn hekk, il-kumpanija assikuratrici kienet dejjem *MAPFRE Middlesea plc* u, ghalhekk, kellha l-informazzjoni kollha, anke dawk tal-*claims* precedenti.

Biex l-Arbitru jqis l-ilment fil-parametri tal-gustizzja, l-ekwità u r-ragonevolezza, kif inhu mitlub jaghmel mil-ligi, ser iqis il-fatti tal-kaz u l-aspetti guridici in kwistjoni.

*Il-Fatti tal-Kaz*

F'dan il-kaz xehed biss l-ilmentatur izda l-partijiet qablu fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2022 li l-provi li tressqu fil-Kaz Nru. 117/2018 (liema process gie anness ma' dan il-kaz), ghandhom jitqiesu ghal dan il-kaz ukoll. Ghalhekk, l-Arbitru ser jaghmel referenza ghal dawn il-provi ukoll.

L-ilmentatur xehed[7] li l-agent originali li mieghu kien jahdem kienu l-*Untours* izda kien hemm impjegat ma' *Bonnici Insurance Agency Ltd*, certu Zach Bowman, li kien habib mat-tifel tieghu, u qallu biex jiehdu l-koperturi kollha taghhom ma'

---

[6] KAP. 555, Art. 19 (3)(b)

[7] P. 39 *et seq.*

*Bonnici Insurance Agency Ltd.* L-ilmentatur qallu li ghalih xorta, jekk jinbidel l-agent xorta mal-istess *insurance* kienu ser jibqghu.

Jghid li darba fost l-ohrajn, ir-rapprezentant ta' *Bonnici Insurance Agency Ltd,* Zach Bowman, qallu sabiex jiffirmalu karta. L-ilmentatur qallu li ma kellux karti x'jiffirmalu, però, qallu li jekk ghandu xi karta x'jiffirmalu, kellu jmur hdejn il-*Cafe Jubilee,* il-Belt, fejn kien dak il-hin, u jiffirmalu.

Fil-fatt, hekk gara, ghax Zach Bowman tah il-karta u l-ilmentatur iffirmalu. L-ilmentatur jghid li hu fdah lil Bowman u kellu rasu mistrieha li dak li ghamel kien korrett. Ma qrax din il-karta u iffirmaha minghajr ma kien jaf x'fiha. Jghid li hu ma tantx jaf jaqra u qabad u ffirma. Jghid li galadarba li lil Zach Bowman kienu jafuh, allura, fdah.

'*Nghid x'kienet dik il-karta ma nafx, ma nafx kinetx il-proposal form jew mhix. Illum rajtha u naf x'inhi, li kienet il-proposal form; u nghid li le, ma ddiskuta xejn mieghi. Dan ir-ragel, il-habib taghna, kien jaf x'kien hemm miktub u kien jaf minn xiex ghadda t-tifel tieghi. Kieku staqsieni kont nghidlu ma tafx? Kont nibqa' fejn kont mal-Untours. L-Untours kienu jafu bija*.'[8]

L-ilmentatur intalab jiffirma l-*proposal form* meta r-rapprezentant tal-provditur tas-servizz mar fil-*café* fejn kien l-ilmentatur u talbu l-firma. Jidher li din il-prattika ta' Zach Bowman li jimla l-*proposal form* u jitlob sempliciment firma minghand l-assikurat kienet drawwa kostanti ghaliex anke meta l-ilmentatur kien ser jinxurja d-dar, sempliciment qal lil iben l-ilmentatur sabiex missieru jiffirma wara. Dan jirrizulata minn '*chat*' li ghaddiet bejn Bowman u iben l-ilmentatur fejn Bowman qallu biex missieru jiffirma '*fuq wara*'.[9]

Ghalhekk, it-tezi tal-ilmentatur hi li huwa kien ta l-fiducja tieghu lil Zach Bowman li kien habib ta' ibnu u li l-istess Bowman kien jaf li ibnu kellu xi incidenti qabel u, ghalhekk, messu avzah x'kien fiha l-*proposal form*.

Min-naha tal-provditur tas-servizz, John Bonnici xehed li ghalkemm il-*proposal form* kienet imtliet minn Zach Bowman bhala rapprezentant tal-kumpanija, ir-

[8] P. 40
[9] Kaz Nru. 117/2018, P. 58

responsabbiltà li jara l-kontenut ta' go fiha kienet tal-ilmentatur ghaliex, skont ix-xhud, huwa impossibbli li toqghod tinqara l-*proposal form* lill-klijenti.[10]

Zach Bowman jammetti li kien hu li mela l-*proposal form* u kien baghatha lill-ilmentatur ma' missieru u qallu biex jaqraha sew qabel jiffirmaha. L-istess xhud qal li hu kien accessa 's-sistema' fejn ma rrizultax li l-ilmentatur kellu xi *claims* qabel ma hu mela l-*proposal form;* izda wara li saret il-*claim,* mis-sistema irrizulta li l-ilmentatur u ibnu kellhom ghaxar *claims* u wahda minnhom kienet sostanzjali.[11]

***Konsiderazzjonijiet ohra***

**Il-kuntest guridiku**

Qabel xejn, l-Arbitru jistabbilixxi (1) li Zach Bowman kien li mela l-*proposal form*, (2) l-istess Bowman kien ir-rapprezentant tal-agent tal-provditur tas-servizz, u (3) l-ilmentatur iffirma l-*proposal form*.

(1) *Dwar min mela l-proposal form* m'hemmx kontestazzjoni. Dan xehduh l-Ilmentatur, l-istess Zach Bowman,[12] kif ukoll John Bonnici[13] ghal *Bonnici Insurance Agency Ltd.* Ghalhekk dwar dan il-punt m'hemmx kontroversja.

(2) *Zach Bowman, agent tal-provditur tas-servizz*. Dan il-punt gie wkoll stabbilit ghaliex kif deciz mill-Arbitru u konfermat mill-Qorti tal-Appell, *Bonnici Insurance Agency Ltd* kienu qed jirrapprezentaw lil *MAPFRE Middlesea*, tant li anke f'dawn il-proceduri, l-istess *MAPFRE Middlesea plc* awtorizzaw lil *Bonnici Insurance Agency Ltd* sabiex taghmel ir-risposta f'isimhom, u anke tiddefendihom quddiem l-Arbitru.

Zach Bowman kien impjegat ta' *Bonnici Insurance* u, ghalhekk, kien qieghed jirrapprezenta ukoll lil *MAPFRE Middlesea plc* peress li l-agent kien qed jagixxi f'isem il-principal tieghu. M'hemm l-ebda prova li l-agent ecceda l-poteri li kien tah il-principal tieghu u, ghalhekk, jitqies li Zach Bowman kien awtorizzat jimla l-*proposal form* lill-ilmentatur. Kif xehed John Bonnici, l-agent kien, bhala prassi, kemm-il darba jimla l-*proposal form* anke lil klijenti ohra. F'dan il-kaz, jirrizulta li

[10] *Ibid*. P. 57
[11] *Ibid*. P65
[12] *Ibid.*
[13] *Ibid*., P. 57

l-*proposal forms* kien jimlihom Zach Bowman tant li apparti l-*proposal form* in kwistjoni, hemm tal-anqas prova ohra li l-agent kien mela wkoll il-*proposal form* tal-*home policy* tal-ilmentatur.[14]

L-Arbitru huwa konxju li l-Qrati taghna gieli ddecidew li ghalkemm il-*proposal form* ma timteliex mill-assigurat, dan ghandu jassumi l-obbligu tal-kontenut taghha. U l-Qrati taghna segwew f'dan ir-rigward il-gurisprudenza Ingliza li, kif ser jigi mfisser f'din id-decizjoni, illum qed tinbidel ukoll.

F'dan il-qasam saru zviluppi konsiderevoli fil-qasam guridiku Ingliz u l-kuncett ta' '*consumer insurance contracts*' bidel ix-xena b'mod konsiderevoli. Hekk, perezempju, fl-Ingilterra, bid-dhul fis-sehh tal-***Consumer Insurance (Representation and Disclosure) Act 2012,*** gie mibdul u kwalifikat l-obbligu tal-konsumatur li jghid lill-assikurazzjoni dawk il-fatti li assikuratur prudenti jqis materjali u li jkun f'pozizzjoni cara li jsir jafhom; u jpoggi fuq il-konsumatur l-obbligu li jagixxi b'mod ragonevoli sabiex ma jaghmilx stqarrija hazina tal-fatti (*misrepresentation*).

Ghalhekk, jekk kemm-il darba l-gudikant ser jibqa' jigi ispirat mill-gurisprudenza Ingliza, irid ihares lejn ix-xena prezenti u l-principji godda li qed jigu applikati.

L-Arbitru jqis ukoll li fis-sistema legali taghna id-duttrina tal-precedent ma torbotx id il-gudikant ghaliex filwaqt li l-gurisprudenza ghandha hafna x'tghallem lill-gudikant, il-gudikant m'ghandux jispicca lsir taghha b'mod li japplikaha **minghajr ma jqis ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz li jkollu quddiemu u l-izviluppi guridici li jsehhu minn zmien ghal zmien.**

Kif qal sew l-Imhallef Maurice Caruana Curran[15]:

'*Kull gudikant huwa responsabbli ta' l-interpretazzjonijiet li huwa jpoggi fuq it-test tal-ligi. L-awtorità tal-gurisprudenza (qawwija kemm hi qawwija) tezisti "de facto"* ***u bhala materja ta' perswasjoni u mhux "de jure" bhala "binding authority"****...*

[14] Ara pagna 58 (Kaz Nru. 117/2018) fejn Zach Bowman qal lil iben l-ilmentatur sabiex missieru jiffirma fuq wara tal-*proposal form*.

[15] *Romea Giulia Fenech-Pace et vs. Francis Sciberras* (Prim'Awla, 7 ta' April, 1964 per Imh. Maurice Caruana Curran) li giet konfermata *in toto* fl-appell fid-29 ta' Jannar, 1965 [Kollezz. Vol.XLIX-I-148]

*Il-gudikant jista' jinvoka, in sostenn tal-konkluzjonijiet tieghu, il-prattika kostanti tal-Qrati jew l-opinjoni ta' Kommentaturi akkreditati imma* ***ma jistax jistahba wara awtorità estranea ghalih'.***[16]

Barra minn hekk, l-istess gudikant jghid:

'*il-ligi u d-dottrina legali ma humiex statici daqskemm kultant ipinguhom u ukoll jimxu u jevolvu maz-zminijiet iktar liberali u demokratici li ahna fihom*.'[17]

**Il-linja tradizzjonali li titfa' l-piz dejjem kontra l-assikuratur, huma x'inhuma c-cirkostanzi, ma titqiesx mill-Arbitru bhala wahda gusta, ekwa u ragonevoli ghar-ragunijiet li ser jinghataw aktar 'il quddiem f'din id-decizjoni.**

*Il-linja tradizzjonali*

Wahda mis-sorsi tal-pozizzjoni li hadu certi gudikanti Inglizi li r-responsabbiltà tal-mili tal-*proposal form* dejjem taqa' (kwazi *de jure*) fuq l-assikurat hija l-*Halsbury's Laws of England* fejn kien jinghad:

*'It is irrelevant to inquire how the inaccuracy arose; or whether the agent acted honestly or dishonestly; or whether the agent had forgotten or misunderstood the correct information he had been given; or whether the answers were a mere invention on the part of the agent; if the result is that inaccurate or inadequate information is given on material matters, or that a contractual stipulation as to accuracy or adequacy of any information given is broken, it is the proposer who has to suffer'.*[18]

Pozizzjoni estrema f'dan ir-rigward kienet id-decizjoni fil-kaz fl-ismijiet: ***Biggar v. Rock Life Assurance Company***[19] fejn il-Qorti hadet il-pozizzjoni li fil-mument li l-agent 'jivvinta' t-twegibiet hu, ( anke jekk ma jghidhomx lill-assikurat), l-agent ma jibqax l-agent tal-kumpanija izda jsir l-agent tal-assigurat. Dan ir-ragunar iwassal ghal ingustizzja kbira.

---

[16] Enfasi tal-Arbitru

[17] *John Lowell noe et vs. Onor. Carmelo Caruana noe et*: (PA, 14 ta' Awwissu, 1972)

[18] *Third ed., Vol.* 22, p. 204.

[19] [1902] 1 K.B. 516.

*Il-linja l-aktar recenti*

Il-gurisprudenza Ingliza bdiet tinbidel u ghalkemm kien hemm kazistika li baqghet issegwi l-linja tradizzjonali ghal certu zmien, sentenzi ohra iffokaw fuq ic-cirkostanzi ta' kull kaz u ma baqghux marbutin mal-kuncett kwazi assolut li jimla min jimla l-*proposal form,* kwalunkwe nuqqas fiha jigi imputat lill-assikurat.

Il-Qorti tal-Appell Ingliza hadet pozizzjoni differenti fil-kaz ***Bawden v. London, Edinburgh and Glasgow Assurances Co***.[20] fejn l-Imhallfin sostnew li:

'*We have to apply the general law of principal and agent to the particular facts of this case. The question is, what was the authority of such an agent as Quin? I am of the opinion the case turns mainly upon the position of [the agent], I agree. The defendants are a limited joint stock company and the principal question is, whether the knowledge of their agent is to be imputed to them.'*

Ghalkemm din is-sentenza kienet skartata ghal numru ta' snin, il-principji stabbiliti fiha gew imqajjma mill-gdid fil-kaz: ***Stone v. Reliance Mutual Insurance Society Limited***[21] fejn l-assikuratrici iffirmat *proposal form* li imtliet mill-agent tal-kumpanija assikuratrici, li meta imliha ma staqsihiex zewg mistoqsijiet li l-principal tieghu kien iqis materjali. Hi iffirmat il-*proposal form* minghajr ma qratha.

Il-Qorti tal-Appell ikkonkludiet li l-izball tar-rapprezentant tal-kumpanija ma kellux ibatih l-assikuratur. Ir-ragunar tal-Qorti huwa espress ferm tajjeb minn Lord Denning kif gej:

*'The society seeks to repudiate liability by reason of the untruth of two answers in the proposal form. They seek to fasten those untruths onto the insured. They do so by virtue of a printed clause in the proposal form. They make out that it was the insured who misled them. Whereas the boot is on the other leg. The untrue answers were written down by their own agent. It was their own agent who made the mistake. It was he who ought to have known better. It was he who put the printed form before the wife for signature. It was he who thereby represented to her that the form was correctly filled in and that she could safely sign it. She signed it trusting to him. This means that she, too, was under a*

---

[20] [1892] 2 Q.B. 534.

[21] [1972] 1 *Lloyd's Rep.* 469.

*mistake, because she thought it was correctly filled in. But it was a mistake induced by the misrepresentation of the agent, and not by any fault of hers. Neither she nor her husband should suffer for it. No doubt it was an innocent misrepresentation for which in former times the only remedy would be to cancel the contract and get back the premiums. But nowadays an innocent misrepresentation may give rise to further or other relief. It may debar a person from relying on an exception. Likewise in this case it disentitles the insurance company from relying on the printed clause to exclude their liability. Their agent represented that he had filled in the form correctly: and having done so, they cannot rely on the printed clause to say that it was not correctly filled in. So they are liable on the policy.'*

Illum dawn il-principji fejn mistoqsijiet zbaljati fil-*proposal form* mhux necessarjament jistghu iwasslu ghat-thassir tal-polza, jew ghar-rifjut tal-*claim*, gew imdahhla fil-***Consumer Insurance (Representation and Disclosure) Act 2012**,* fejn il-ligi Ingliza taghmel distinzjoni bejn **meta n-nuqqas ta' informazzjoni fil-fazi pre-kuntrattwali (fl-istadju tal-*proposal form*) tkun wahda li ssir b'mod dizonest u fejn in-nuqqas tal-'*proposer*' (l-assigurat) ikun wiehed innocenti.**

**Konsiderazzjonijiet ohra**

Ghalhekk illum il-gudikant irid ihares lejn il-fatti specifici ta' kull kaz u jara fejn ghandha taqa' ir-responsabbiltà.

Il-legizlatur Malti ried li anke l-Arbitru ihares lejn **ic-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz u skont l-ekwità, il-gustizzja u ragonevolezza**[22] u jara fejn f'kazi bhal dawn ghandha taqa' r-repsonsabbiltà.

F'dan ir-rigward, l-Arbitru qies il-provi li tressqu quddiemu fejn irrizulta li Zach Bowman mela l-formola u dan ghamlu billi iccekkja fuq is-sistema li tatu l-access ghaliha l-assikurazzjoni, fejn ma tellatlux li l-ilmentatur kellu *claims* precedenti, u minghajr ma staqsa xejn lill-ilmentatur, tah il-formola li imliha hu stess biex jiffirmaha.

[22] KAP. 555, Art. 19(3)(b)

L-ilmentatur xehed li hu kien qed jiehu kafe il-*Cafe Jubilee,* il-Belt, u r-rapprezentant tal-assikurazzjoni hadlu l-*proposal form* hemmhekk u qallu biex jiffirmaha minghajr ma qrahielu.

L-izball li ghamel l-agent kien li filwaqt li ccekkja s-sistema, qabad u mela l-formola hu minghajr ma staqsa xejn lill-ilmentatur. Ghalhekk jirrizulta li l-izball tal-kontenut fil-*proposal form* ghamlu r-rapprezentant tal-kumpanija u jkun ingust, inekwu u irragonevoli li l-izball li ghamel ir-rapprezentant ghandu jbatih l-ilmentatur.

Kif qal Lord Denning:

'*They make out that it was the insured who misled them. Whereas the boot is on the other leg'.*

Zach Bowman ikkonferma li kien hu li mela l-formola u imkien ma qal li qabel mela l-formola ghamel xi mistoqsijiet lill-ilmentatur. Qal biss li ccekkja is-sistema li kellu access ghaliha fejn ma irrizultalux li l-ilmentatur kellu xi *claim* qabel.

**Però, lill-Arbitru hadd ma spjegalu kif *fil-mument tal-mili tal-proposal form* is-sistema gabet li l-ilmentatur ma kellux *claims* precedenti, izda meta, imbaghad, *l-ilmentatur dahhal il-claim*, hemmhekk telghu il-*claims* precedenti li hu kellu.**

Bejn dak li xehed John Bonnici u dak li xehed Zach Bowman hemm konflitt.

John Bonnici xehed:

'*Din is-sistema (FRISS) tintuza fl-istadju tal-claims; u nispecifika tintuza biss ghall-investigazzjoni tal-claim.'*[23]

Min-naha tieghu, Zach Bowman xehed:

*'… ahna infurmajna lil Middlesea li konna se nkunu ahna l-agenti u mhux l-Untours tal-klijenti Aquilina u, ghalhekk, tlabnihom access ghas-sistema u fethulna l-access ghas-sistema. Fiha jkun hemm l-istorja kollha tal-klijent u anke informazzjoni personali, id-dettalji kollha tal-karozza, il-claims history tal-klijent,*

[23] Kaz Nru. 117/2018, P. 56

*il-licenzja, dawn l-affarijiet kollha. Nghid li fis-sistema ma kinetx tidher il-claims history tal-klijent, allura, l-Proposal Form harget li m'hemmx claims'.*[24]

U a bazi ta' dak li tatu is-sistema, mela l-mistoqsijiet hu – inkluza l-mistoqsija jekk kienx hemm *claims* precedenti - minghajr lanqas biss ikkonsulta ruhu mal-klijent.

Meta l-Arbitur jqis il-kriterji ta' gustizzja, ekwità u ragonevolezza jasal ghall-konkluzjoni li jekk sar zball, dan sar minn Zach Bowman, li flok ha l-inkarigu li jaghmel mistoqsijiet lill-ilmentatur, qabad u nizzel ir-risposti hu fuq il-*proposal form*. Ghamel uzu mis-sistema li rrizultat li jew kienet difettuza jew li Zach Bowman ma uzahiex sew meta kien qed jimla l-*proposal form*. Ghalhekk l-izball ta' Zach Bowman m'ghandux ibatih l-ilmentatur.

Il-provditur tas-servizz jghid li l-ilmentatur messu qara sew il-*proposal form* qabel iffirma u, ghalhekk, ghandu jbati l-konsegwenzi tan-nuqqas tieghu. Izda llum dan ir-ragunar m'ghadux assolut ghax gie stabbilit li fejn ghandek espert fuq naha u konsumatur zghir fuq in-naha l-ohra, is-semplici firma tal-konsumatur mhux bilfors tfisser akkwixxenza ta' dak li ghalih ikun iffirma.

F'dan ir-rigward, l-Arbitru jikkwota s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet: ***Evelyn Farrugia et vs GlobalCapital Financial Management Unit Ltd*** **deciza fil-11 ta' Lulju 2016, fejn il-Qorti hadet din il-pozizzjoni.**

Fil-qasam tal-assikurazzjoni saru wkoll zviluppi f'dan ir-rigward. Fil-bidu nett meta beda n-negozju tal-assikurazzjoni wiehed seta' jghid li l-partijiet kienu fuq l-istess livell negozjali ghaliex min ried jiehu r-riskju (l-assikuratur) u s-sidien tal-vapuri[25] (l-assikurati) kienu bejn wiehed u iehor fuq l-istess livell negozjali. Izda maz-zmien il-kumpaniji tal-assikurazzjoni zviluppaw b'mod professjonali fejn impjegaw numru kbir ta' nies kollha esperti fil-qasam taghhom.

Ukoll, il-kumpaniji tal-assikurazzjoni bdew jghaddu x-xoghol lill-agenti taghhom sabiex il-prodott jilhaq hafna aktar nies. U qabel jappuntaw dawn l-agenti, l-assikuratur iqis li l-agent tieghu ikun wiehed kompetenti fil-qasam tal-assikurazzjoni ghaliex l-ghemil tieghu ikun ser jorbtu. Ghalhekk, illum bejn l-assikuratur, jew l-agent tieghu, u l-konsumatur *retail* hemm dik li tissejjah *asymmetric information* jew *expertise*, fejn l-agent ikollu ferm aktar

---

[24] Kaz Nru. 117/2018, P. 64 - 65

[25] Ghaliex l-ewwel kazi ta' *insurance* kienu fil-qasam tal-*Marine Insurance*

informazzjoni u taghrif dwar il-qasam tal-assikurazzjoni milli jkollu l-klijent u, ghalhekk, l-agent qieghed f'qaghda ferm ahjar li jifhem il-konsegwenzi ta' kull dokument li l-klijent mistenni jiffirma.

**Dak li jmissu jkun jaf l-assikurat ghandu jkun jafu daqs, jew ahjar, l-agent jew l-assikuratur.**

L-Arbitru hu tal-fehma li Zach Bowman, li kien habib tat-tifel tal-ilmentatur, kien li ha fuq spallejh il-mili tal-*proposal form*, seta' facilment staqsa lil iben l-assikurat xi *claims* precedenti seta' kellhom. U l-Arbitru hu tal-konvincement morali li l-istess agent kien jaf b'dawn il-fatti izda, jew bi zball, (billi qaghad fuq is-sistema) jew b'nuqqas ta' diligenza (ghaliex ma kkonfermax il-kontenut tal-*proposal form* mal-ilmentatur) mela hazin il-*proposal form*.

Jekk l-ilmentatur zbalja ghax iffirma minghajr ma qara l-*proposal form*, allura, kemm kien akbar l-izball tal-agent li ma ccekkja xejn mal-ilmentatur u qabad u ghaddielu l-formola ghall-firma f'hanut tal-kafė minghajr ma wrieh x'kien fiha l-*proposal form*. Kif intqal aktar 'il fuq taht is-sezzjoni 'fatti tal-kaz', din ma kinetx l-ewwel darba li Zach Bowman talab il-firma tal-ilmentatur minghajr ma qralu l-kontenut taghha. Fil-kaz tal-*home policy* qal lil ibnu sempliciment biex missieru jiffirma '*fuq wara'*.

Ghalhekk, l-Arbitru ma jemminx dak li qal Zach Bowman li qal lil iben l-ilmentatur sabiex missieru jaqra sew il-*proposal form* qabel jiffirmaha. Dan ghaliex, kif irrizulta mill-provi li fl-ewwel kaz tal-*home insurance,* jirrizulta mic-*chat*[26] li qallu biss biex jiffirma fuq wara u, fil-kaz tal-*proposal form* mertu ta' dan il-kaz , talbu l-firma tieghu minghajr ma spjegalu xejn. Skont l-ilmentatur dan sehh f'hanut tal-kafe il-Belt, li zgur mhux il-post idoneju sabiex tigi iffirmata l-*proposal form*.

Barra minn hekk, l-ilmentatur ma kienx xi bniedem espert fil-qasam tal-assikurazzjoni u, ghalhekk, l-agent kellu jiehu ukoll dan il-fatt in konsiderazzjoni. U peress li l-ilmentatur kien tah il-fiducja tieghu, l-agent kellu jkun ferm aktar diligenti fil-qadi ta' dmirijietu.

Is-sitwazzjoni kienet tkun ferm differenti kieku l-ilmentatur mela l-formola hu u taha lill-assikuratur b'informazzjoni zbaljata u qarrieqa. Jew kieku sarulu l-

---

[26] Kaz Nru. 117/2018, P. 58

mistoqsijiet mill-agent u qarraq bih. Hemm l-assikurazzjoni kien ikollha kull dritt li tevita l-hlas tal-*claim* ghaliex tkun giet imqarrqa.

Ghalhekk dak li qalet l-assikurazzjoni li l-ilmentatur kien qarraq biha u xjentement taha informazzjoni qarrieqa u anke ikkommetta frodi fil-konfront taghha mhux ippruvat; anzi, hemm provi kuntrarji li l-ilmentatur ma kienx jaf il-kontenut tal-*proposal form* li imliha l-agent minghajr lanqas biss ikkonferma l-kontenut taghha mal-ilmentatur. Jekk xejn, kien hemm traskuragni tal-agent li kien l-espert f'din it-tranzazzjoni.

Il-provditur tas-servizz qal ukoll li jekk jitqies li assikurat jista' jehlisha hafif meta ma jaqrax il-*proposal form*, jista' jkun hemm kazi fejn l-assigurat jibda jghid li ma qarax il-*proposal form* u jinholoq l-abbuz. Qabel xejn, kull kaz irid jittiehed skont ic-cirkostanzi partikolari tieghu u, ghalhekk, l-Arbitru ghamel accenn fuq il-limitazzjoni jew l-eskluzjoni tal-precedent.

Barra minn hekk, jekk l-assikurat jista' jabbuza minn din is-sitwazzjoni, l-assigurazzjoni tista' tabbuza hi wkoll billi l-agenti taghha jagixxu b'mod traskurat (jekk mhux ukoll b'mod qarrieq) sabiex l-assikurazzjoni tevadi *claims* li jkunu gusti. Il-mili legger tal-*proposal forms* minn agenti tal-assikurazzjoni ikun ukoll qed jigi inkoraggit.

Dan jista' jwassal ghall-abbuz ta' '*post claim underwriting'* li l-Arbitru spjega fid-dettall fid-decizjoni tieghu fil-Kaz ASF 083/2021, deciz fit-8 ta' Frar 2022, u ma jarax il-htiega li jidhol fid-dettall dwar dan f'din id-decizjoni.

F'dan il-kaz, l-assiguratur ma jistax jghid illi kieku kien jaf bil-*claims precedenti* tal-ilmentatur ma kienx jinxurjah, jew li kien jitlob *premium* oghla ghaliex, kif jghid l-ilmentatur fl-ilment tieghu,[27] hu kien ilu zmien assikurat ma' *MAPFRE Middlesea plc*, li kienet taf bil-*claims* precedenti u xorta inxurjatu. Dan ma giex michud mill-provditur tas-servizz.

L-Arbitru jixtieq iwassal il-messagg li meta agent jimla hu l-*proposal form* ghandu jagixxi bl-aktar mod professjonali u jispjega lill-konsumatur l-importanza li jinghataw risposti korretti u xi jkunu l-konsegwenzi jekk ma jaghmilx dan.

[27] Kaz ASF 018/2022, P. 7 - 8

**Decizjoni**

**Ghalhekk, ghar-ragunijiet kollha moghtija aktar 'il fuq f'din id-decizjoni, l-Arbitru jqis li l-ilment huwa wiehed gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz,[28] u qed jilqghu sakemm kompatibbli ma' din id-decizjoni.**

**Kumpens**

**L-unika prova li ghandu l-Arbitru fir-rigward tal-kumpens hija dik imressqa mill-ilmentatur fejn jghid li l-karozza tieghu kienet inxurjata ghas-somma ta' hdax-il elf u tmien mitt ewro (€11,800).**

**Ghaldaqstant, *ai termini* tal-Artikolu 26(3)(c)(iv) tal-KAP. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Arbitru qed jordna lil *MAPFRE Middlesea plc* thallas lill-ilmentatur is-somma ta' €11,800.**

**Bl-imghax legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dan il-kaz huma ghall-provditur tas-servizz.**

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

[28] KAP. 555, Art. 19(3)(b)